**7 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

David Ellis bħala *Bursar* u fl-interess tal-Kulleġġ *St. Edward's*

*versus*

Alberto u Therese konjuġi Serra

**Edukazzjoni - Drittijiet ta' Kulleġġ - Spejjeż Inkorsi**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn akkoljiet talba għall-iskola attriċi biex jingħabru spejjeż ta' drittijiet ta' edukazzjoni u tagħlim.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irribadiet illi una volta l-ġenituri jiddeċiedu illi jibgħatu lil uliedhom go skola partikolari, huma awtomatikament ikunu qegħdin jirrikonoxxu l-validità tar-regolamenti kollha li jirregolaw id-dħul u l-permanenza ta' uliedhom f'dik l-iskola u jinkombi fuqhom l-oneru li jivverifikaw dawn il-kundizzjonijiet sewwa qabel ma jieħdu l-pass li ssemma. Ikun ridikolu illi jiġi ritenut il-kuntrarju.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' April, 1997, liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat it-talba għall-kundanna tal-konvenuti biex:

Iħallsu l-ammont ta' mitejn, sitta u tletin lira Maltija (Lm236) rappreżentanti drittijiet tal-Kulleġġ hawn fuq imsemmi ta' tagħlim, edukazzjoni, kif ukoll spejjeż oħra inkorsi in konnessjoni mat-tifel tagħhom, student fl-istess Kulleġġ u dan skond kont mibgħut lilhom li jġib id-data tad-dsatax (19) ta' Diċembru, elf, disa' mija, erbgħa u disgħin (1994) hawn anness u mmarkat Dok. A. Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk ta' l-ittra legali li ġġib id-data tas-26 ta' Lulju, 1995, ta' l-ittra uffiċjali li ġib id-data tat-13 ta' Ottubru, 1995 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat illi:

Mill-provi jirriżulta li f'Ottubru, 1994, il-konvenuti kienu applikaw biex it-tifel tagħhom Alberti (Jnr.) jidħol fl-ewwel sena tas-*Sixth Form* tal-Kulleġġ St. Edward's. Difatti huwa ġie aċċettat iżda attenda biss parti mill-ewwel *term*, ċjoè l-*Advent Term*. Is-somma pretiża mill-attur tirrappreżenta drittijiet ta' *tuition* u *transport* għat-tieni *term*, il-*Lent Term*, u dan skond ir-Regolamenti tal-Kulleġġ (ara dok. A esebit mill-attur). Ir-Regolament 7.1 jipprovdi: "*Except for students leaving the Upper Sixth or Form 5 in June, at the end of the Trinity Term, at least two months notice must be given in writing to the Headmaster before a pupil is withdrawn from the school. In default of such notice payment of one term's fees must be made in lieu ...*" Inoltre dwar trasport ir-Regolamenti 2.3 jipprovdi: "*Once a place has been reserved on a bus at least two months notice of withdrawal must be given otherwise the appropriate fee will remain due*";

Jiġi osservat li hemm diskrepanza fl-*invoices* maħruġin mill-Kulleġġ peress li fihom hemm indikat li "*a full term notice must be given in writing before a pupil is withdrawn from school, or the fees must be paid in lieu of notice*";

Issa ġie spjegat mill-attur, mill-*Headmaster* u mis-Segretarja tal-Kulleġġ li hi proċedura kostanti li meta tifel jiġi aċċettat fil-Kulleġġ tingħata kopja tar-Regolamenti lill-ġenituri. Il-konvenut xehed li hu qatt ma ra kopja ta' dawn ir-Regolamenti. Inoltre, dwar jekk kienx irċieva kont simili għall-*invoice* anness ma' l-Avviż fejn allura kien hemm il-

kondizzjonijiet tal-*full term's notice*, il-konvenut jgħid sempliċement "*it can be yes and it can be no*";

Il-*konvenuta ma xehditx*;

Fil-fehma tal-Qorti, kinux jafu l-konvenut bl-eżistenza tat-terminu li fih irid jagħtu *n-notice* kien dover tagħhom li jkunu jafu. Ġaladarba ddeċidew li jdaħħlu lit-tifel tagħhom fil-Kulleġġ, inħoloq rapport kuntrattwali bejnhom u l-Kulleġġ, rapport kopert bir-Regolamenti li kien fl-interess tal-konvenuti li jkunu jafu x'*inhuma*. Regolamenti li kienu liberament disponibbli. Għalhekk il-Qorti lanqas għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni ta' *jekk* ingħatawx kopja jew le tar-Regolamenti;

Issa hawn irriżulta li l-konvenut kiteb ittra lill-*Headmaster* biex jinfurmah li t-tifel tiegħu mhux se jattendi aktar il-Kulleġġ bid-data tat-30 ta' Diċembru, 1994 u li ġiet irċevuta l-Kulleġġ fis-17 ta' Jannar, *1995*. Assumendo li l-ittra kienet inkitbet fit-30 ta' Diċembru, 1994 xorta jibqa' l-fatt li ma ngħatax *notice* lill-Kulleġġ skond ir-Regolamenti. Għalhekk l-ammont pretiż huwa dovut;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba attriċi. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuti";

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti permezz ta' rikors ta' l-appell ippreżentat fit-28 ta' April, 1997 li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji tagħhom u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *proprio et nomine* appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tibda biex turi l-apprezzament tagħha għal mod serju u erudit kif iż-żewġ difensuri kkonduċew din il-vertenza bejniethom kemm fil-Prim'Istanza kif ukoll quddiem din il-Qorti. Dan ma jfissirx però illi l-argumenti u sottomissjonijiet ta' natura legali li ġew approfonditi huma *kollha validi, anzi qed jingħad mill-ewwel illi din il-Qorti ma* taqbel assolutament xejn mas-sottomissjoni prinċipali ta' l-appellanti li tikkostitwixxi l-bażi ta' l-appell tagħhom anke jekk din ġiet approfondita bl-iktar mod serju u tajjeb;

L-appellanti qegħdin *isostnu li una volta hawn si tratta ta'* rapport kontrattwali, allura isegwi li dan il-kuntratt kien wieħed bilaterali u ċjoè, kuntratt li permezz tiegħu, iż-żewġ partijiet għandhom *drittijiet u obbligazzjonijiet. Konsegwenza ta' dan*, skond l-appellanti, hija illi bilfors irid ikun hemm il-kunsens tal-partijiet biex dan il-kuntratt ikun validu. F'dan ir-rigward huma għamlu referenza għal dak *li jipprovdi l-Kodiċi Ċivili* in materja ta' obbligazzjonijiet kontrattwali b'referenza anke għal kunsens meħtieġ. Huma jissottomettu illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljati meta hija ddeċidiet f'materja ta' kuntratti u ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali li kien fl-interess tal-konvenuti, illum appellanti, li jkunu jafu x'inhuma r-regolamenti. Huma jsostnu li fl-ewwel lok, trattandosi ta' klawsola kuntrattwali u mhux regolamenti ordinarji, sabiex tali kawża tkun effikaċi u torbot irid bilfors ikun hemm il-kunsens tal-parti l-oħra u sabiex ikun hemm il-kunsens tal-parti l-oħra kien importanti li l-partijiet ikunu a konoxxenza ta' dak li sejrin ikunu obbligati bih;

Din il-Qorti għal mument ser tissofferma ruħha fuq dan il-punt il-għaliex jidhrilha li huwa l-bażi ta' kollox;

Ikkunsidrat:

F'materja bħal dik li qed tiġi kkunsidrata u ċjoè x'*jiġri* meta ġenituri jiddeċidu li jdaħħlu lil uliedhom ġo skola u ċjoè x'tip ta' relazzjoni legali titwieled bejn l-iskola u dawk il-*ġenituri*, huwa nkonċepibbli li jiġi aċċettat dak li qed jiġi sottomess mill-appellanti u ċjoè illi r-relazzjoni li titwieled tkun waħda kontrattwali u valida biss jekk speċi jiġu magħrufa lill-ġenituri l-kondizzjonijiet *kollha li jirregolaw* id-dħul u l-permanenza ta' uliedhom f'dik l-iskola u li l-obbligazzjonijiet da parti tal-ġenituri jitwieldu biss *quante volte* huma jindikaw il-kunsens tagħhom b'xi mod li jista' jiġi identifikat. Din il-Qorti tirrepeti illi huwa inkonċepibbli illi skola *timxi* f'dan il-mod jew li l-liġi tirregola d-dħul u l-permanenza tat-tfal fi skola *b'dan il-mod u ċjoè illi l-ġenituri jistgħu fi kwalunkwe ħin* jippretendu illi ma kinux a konoxxenza ta' uħud mill-kundizzjonijiet jew regolamenti ta' l-iskola. Din il-Qorti tirribadixxi illi una volta awtomatikament ikunu qegħdin jirrikonoxxu l-validità tar-regolamenti kollha li jirregolaw id-*dħul u l-permanenza ta' uliedhom f'dik l-iskola u jinkombi* fuqhom l-oneru li jivverifikaw dawn il-kundizzjonijiet sewwa qabel ma jieħdu l-pass li ssemma'. Ikun ridikolu illi jiġi ritenut il-kuntrarju;

Dana bħala bażi, u una volta qed jiġi affermat dan minn din il-Qorti, dan iwaqqa' kważi fit-totalità tiegħu l-appell tal-konvenuti li kif ingħad huwa bbażat fuq premessa żbaljata. Il-konvenuti jridu jifhmu illi trattandosi ta' skola li għandha d-dritt li timponi r-regolamenti tagħha fuq kull min jaċċetta illi jibgħat lil uliedu fiha ma jistax ikun hemm il-possibbilitajiet ta' skappatoji li qegħdin jippretendu l-appellanti. Kwantu

jirrigwarda l-affari tal-kont, u s-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-kont huma qatt ma rċevewh, din il-Qorti tara illi apparti dak illi jingħad *fis-sentenza* appellata, l-ammont ta' dak li jkun talvolta dovut mill-ġenituri lill-iskola ma joħroġx essenzjalment mill-kont imma mill-*prospectus* u mir-regolamenti ta' l-istess skola u huma dawn illi jorbtu u li għandhom jiġu verifikati mill-ġenituri;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tarax alternattiva ħlief illi tikkonferma s-sentenza appellata;

*Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza* appellata qed tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellanti.

---